MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 74/2012

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn xxx fit-30 ta' Novembru 2005 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jikkontesta penali amministrattiva imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghas-sottomissjoni tardiva ta' denunzja tat-taxxa tieghu;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), già Kumissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda in kwantu ghal kollox infondata fil-fatt

u fid-dritt u minflok jigi kkonfermat l-ammont dovut mir-Rikorrent lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. “A” sa’ Dok. “F” a fol. 20 sa’ 28 tal-process;

Sema’ x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tad-9 ta’ Mejju 2013[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu a fol. 36 sa’ 55 tal-process u sema’ x-xhieda ta’ Roderick Sultana, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tas-16 ta’ Lulju 2013[2];

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta penali amministrattiva imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghas-sottomissjoni tardiva ta’ denunzja tat-taxxa tieghu. L-azzjoni odjerna hija ibbazata fuq l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament il-paragrafu (k), li appuntu jipprovdi li *jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar – (k) l-imposizzjoni ta’ kull penali amministrattiva, hlief meta imposta bhala rizultat ta’ stima, dik il-kwistjoni tista’ tigi riferita lill-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud* [illum lit-Tribunal] *minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjoni tal-Bord* [illum tat-Tribunal] *li ghandha interess dirett f’dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*

Ir-Rikorrent jikkontendi li huwa ma ghandux jigi mgieghel ihallas il-penali amministrattiva hekk imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex huwa jinsab f’ xiex jinsab u d-denunzja tat-taxxa in kwistjoni ma kienx issottomettiha fiz-zmien stipulat, minhabba l-fatt li jbaghti minn dipressjoni, sitwazzjoni li fl-ahhar mill-ahhar wasslet biex ukoll ikollu problemi finanzjarji ingenti.

[1] Fol. 56 sa’ 61 tal-process.
[2] Fol. 63 u 64 tal-process.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), già maghruf bhala Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li ghandha tigi michuda u minflok il-penali amministrattiva imposta fuqu, illum ammontanti ghal €342.67, tigi kkonfermata stante li: (i) l-aggravji avvanzati mir-Rikorrent f'dawn il-proceduri già kienu tressqu minnu quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-proceduri bin-Numru 28/01, liema proceduri gew decizi fit-18 ta' Frar 2003 u l-Bord kien cahad it-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-konkluzzjoni li l-kundizzjoni medika tar-Rikorrent ma tidhirx li kienet ir-raguni principali li kkawzat id-dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa tieghu; (ii) ir-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova ohra, hlief ghal certifikat mediku mahrug fil-21 ta' Dicembru 2000 minn Tabib tal-familja u già esebit fl-atti tal-proceduri bin-Numru 28/01; (iii) l-aggravju tal-posizzjoni finanzjarja hazina ma jikkostitwixxix skuzanti ragonevoli stante li ai termini ta' l-Artikolu 42(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta nuqqas ta' fondi bizzejjed m'ghandhiex titqies bhala skuzanti ragonevoli ghan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' denunzji.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrileva wkoll li t-titolu ta' Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjd illum inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Att XXII ta' l-2011 u konsegwentement jitlob id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza.

B'referenza ghal din l-osservazzjoni u konsegwenti talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) it-Tribunal jirrileva li ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda* [li jinkludi t-titolu Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] *ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda* [li jinkludi t-titolu

Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)] *dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi*. B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar titolu "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" huwa ekwivalenti ghat-titolu "Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)" b'dana ghalhekk li ma hija mehtiega l-ebda korrezzjoni fl-okkju tal-kawza jew fi kwalunkwe parti ohra ta' l-atti processwali.

Sorvolata din il-kwistjoni t-Tribunal se jittratta l-ewwel l-eccezzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fejn jeccepixxi li l-aggravji avvanzati mir-Rikorrent f'dawn il-proceduri già kienu tressqu minnu quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-proceduri bin-Numru 28/01, liema proceduri gew decizi fit-18 ta' Frar 2003 u l-Bord kien cahad it-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-konkluzzjoni li l-kundizzjoni medika tar-Rikorrent ma tidhirx li kienet ir-raguni principali li kkawzat id-dewmien fis-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal din l-eccezzjoni hija kjarament ibbazata fuq il-principju tal-gudikat ibbazat fuq l-esitenza tat-tlett elementi ta' *eadem res, eadem personam* u *eadem petendi*.

Fir-Risposta ghar-Rikors promotur id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) josserva li *fis-26 ta' Marzu 2001, is-Sur Busuttil kien intavola appell nru.28/01 quddiem il-Bord ta' l-Appell bl-istess aggravji li qieghed jerga' jressaq quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Dan l-appell gie deciz fit-18 ta' Frar 2003*. Fl-appell imsemmi mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) – esebit mill-istess Direttur Generali bhala Dok. “A” a fol. 20 tal-process – ir-Rikorrent kien ikkontesta penali amministrattiva imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in bazi ghall-fatt li huwa bniedem marid – senjatament bniedem li jsofri minn dipressjoni – u li b'konsegwenza ta' l-istat mediku tieghu huwa inkorra fi problemi finanzjarji ingenti. B'decizjoni datata 18 ta' Frar 2003 – esebita mid-Direttur Generali bhala Dok. “B” a fol. 21 tal-process – il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien cahad it-talba tar-Rikorrent in bazi ghall-

konkluzjoni li *il-kundizzjoni medika ta' l-appellant ma tidhirx li kienet ir-raguni principali li ikkawzat id-dewmien fid-denunzji*.

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubju li jissussisti l-element ta' *eadem personam* stante li l-partijiet kemm f'dawk il-proceduri kif ukoll f'dawn il-proceduri huma l-istess. Jissussisti wkoll l-element ta' *eadem petendi* stante li l-kawzali fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghall-imposizzjoni tal-penali amministrattiva da parte tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'dawn il-proceduri hija l-istess bhall-kawzali minnu avvanzata f'dawk il-proceduri. Fil-fehma tat-Tribunal però ma jissussistix l-element ta' *eadem res*.

Mix-xhieda ta' Roderick Sultana, rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2013[3] jirrizulta li d-denunzja tat-taxxa li maghha hija abbinata l-penali amministrattiva kontestata mir-Rikorrent f'dawn il-proceduri hija d-denunzja relattiva ghall-perijodu ta' taxxa **mill-1 ta' Mejju 2006 sal-31 ta' Lulju 2006** li kellha tigi sottomessa sal-**15 ta' Settembru 2006**, li però giet sottomessa mir-Rikorrent **fit-8 ta' Frar 2011**. Din id-denunzja u konsegwentement il-penali amministrattiva imposta fuq ir-Rikorrent ma kenitx tifforma parti mill-mertu trattat u deciz mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bid-decizjoni tat-**18 ta' Frar 2003** ghar-raguni ferm ovvja w evidenti li dik id-decizjoni inghatat **qabel** il-perijodu ta' taxxa relattiv ghad-denunzja u konsegwenti penali amministrattiva mertu ta' dawn il-proceduri.
Ghalkemm il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud seta' wasal ghall-konkluzzjoni li fil-kaz li kellu quddiemu r-Rikorrent ma irnexxilux jipprova li kellu skuzanti ragonevoli ghas-sottomissjoni tardiva tad-denunzja/i tat-taxxa li fir-rigward taghha/taghhom giet imposta **dik** il-penali amministrattiva, ma jfissirx li b'mod awtomatiku fir-rigward ta' **din** id-denunzja ta' taxxa, u konsegwenti penali amministrattiva imposta fuq ir-Rikorrent, ma hemmx skuzanti ragonevoli ghas-

[3] Fol. 63 u 64 tal-process.

sottomissjoni tardiva ta’ l-istess, anke jekk ir-ragunijiet migjuba ‘l quddiem mir-Rikorrent f’dan il-kaz huma l-istess bhal dawk minnu avvanzati quddiem il-Bord fil-kaz precedenti.

Kif osservat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et, Citaz. Nru. 1792/99** deciza fit-28 ta’ Marzu 2003, *hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-meritu tal-kaz, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta’ qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. ... ghalkemm biex jista’ jigi invokat il-gudikat hemm bzonn l-identità ta’ l-oggett, din l-identità ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta’ l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni. ... Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta’ kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta’ l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f’kawza deciza b’sentenza li gja ghaddiet f’gudikat*[4]*. Gie però insenjat ukoll illi “sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa’ mhux deciza, u ma jsitax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat*[5]*”. ... “l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b’cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si trattat minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet ‘effettivament’ deciza bis-sentenza ta’ qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza”.*

Jigi ribadit li ladarba fil-kaz in ezami l-penali amministrattiva kontestata mir-Rikorrent hija marbuta ma’ denunzja tat-taxxa li ma kenitx u ma setghetx tifforma parti mill-mertu trattat u deciz mill-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bid-decizjoni tat-18 ta’ Frar 2003, ma jistax jinghad illi già tezisti decizjoni fir-rigward u

---

[4] Sottolinear tat-Tribunal.
[5] *Ibid.*

li konsegwentement ir-Rikorrent qed jipprova jerga' jiftah it-trattazzjoni ta' l-istess punti dwar liema hemm decizjoni. Jigi ribadit ukoll li ghalkemm huwa veru li f'dak il-kaz il-Bord ma accettax l-aggravji u konsegwenti sottomissjoniiet tar-Rikorrent fir-rigward ta' dik il-penali amministrattiva partikolari imposta fuqu, b'daqshekk ma jfissirx li hemm l-element ta' *eadem res* bejn dawn il-proceduri u dawk il-proceduri partikolarment meta si tratta minn penali amministrattiva ohra relattiva ghal denunzja ta' taxxa ghal perijodu ta' taxxa differenti. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma li l-eccezzjoni tal-gudikat sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma tregix u bhala tali ghandha tigi michuda.

In kwantu rigwarda l-hlas tal-penali amministrattiva l-Artikolu 42 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien meta gew intavolati dawn il-proceduri kien jipprovdi li *minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa' 41, inkluzi, ta' dan l-Att ebda penali amministrattiva ma tkun dovuta minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skuzanti ragonevoli ghal dak in-nuqqas*. Dan il-provvediment tal-Ligi ghadu jezisti illum – Artikolu 42(1)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – bid-differenza li taht l-Artikolu 42 kif fis-sehh illum gew amplifikati l-possibiltajiet fejn persuna tista' tigi ezentata milli thallas penali amministrattiva imposta fuqu, cirkostanzi però li ma jeffettwawx dawn il-proceduri stante li l-qofol ta' dan il-kaz jinsab appuntu fid-disposizzjoni appena citata.

Fir-rigward tal-kuncett ta' skuza ragonevoli l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **JL & Sons Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 2/09** deciza fid-29 ta' Mejju 2009, osservat illi *biex il-persuna registrata tiskansa ruhha mis-sanzjoni tal-penali amministrattiva mahsuba bl-Artikolu 38 ta' l-Att, hi kien jehtigilha tiddimostra illi kien hemm qaghda ta' 'skuza ragonevoli' (Artikolu 42) li zammitha milli tottempera ruhha kif imiss ma' l-obbligu hekk impost fuqha mil-ligi li tissottometti d-denunzji fiz-zmien prefiss. Ta' min jinnota illi l-ligi ma tiddefinix l-espressjoni "skuza ragonevoli". B'dan ma hemm xejn illogiku in kwantu l-*

*accertament tar-ragonevolezza ta' l-iskuza hu dipendenti mic-cirkostanzi partikolari tal-fatt ezaminat, sija jekk in primis mill-Kummissarju u sija jekk mill-Bord warajh, u mhux minn xi prekoncett iffissat. ... Ghalkemm il-fissazzjoni ta' terminu ghall-prezentata tad-denunzji ma jidherx li jeskludi li tista' tkun rikonoxxuta qaghda ta' skuza ragonevoli, certa w obbjettiva, li timpedixxi lill-persuna registrata mill-osservanza ta' dak it-terminu, dik l-istess skuza ragonevoli jrid jkollha mill-karatteristika ta' impediment legittimu jew ta' kawza gusta indipendenti mill-volontà tas-soggett. Jekk din il-karatteristika ma tirrizultax, il-qaghda ma tistax hlief tipprezenta ruhha bhala wahda ta' kondotta volontarja u kolpevoli dovuta ghall-inkurja u ghan-negligenza imputabbli lis-soggett obbligat li jirrispetta t-termini legali dettati fil-ligi. F'kaz bhal dan is-soggett ma jkunx jista' jilmenta minn xejn ghax 'qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire'.*

Fil-kaz in ezami t-Tribunal kellu l-opportunità li mhux biss jezamina d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent in sostenn ta' l-affermazzjoni tieghu li huwa jbaghti minn dipressjoni[6] izda wkoll li jisimghu jixhed *viva voce*[7] u li ghalhekk jara u jikkonsidra l-atteggjament tar-Rikorrent waqt li kien qed jaghti x-xhieda tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal mill-assjem tal-provi prodotti u fid-dawl ta' l-atteggjament tar-Rikorrent waqt li kien qed jaghti x-xhieda tieghu jirrizulta li relament tissussisti skuza ragonevoli ghas-sottomissjoni tardiva da parte tar-Rikorrent tad-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa l-1 ta' Mejju 2006 sal-31 ta' Lulju 2006.

Mix-xhieda moghtija mir-Rikorrent – li fil-fehma tat-Tribunal hija xhieda genwina u mhux xi messa in scena koncepita biex timpressjona lill-istess Tribunal – jirrizulta ferm evidenti li l-istat mentali tieghu huwa fragli hafna tant illi huwa konvint li kullhadd, u b'mod partikolari l-Awtoritajiet, qed jaghmlu minn kollox biex jippersegwitawh u ma jhalluhx jghix fil-kwiet. Tali stat mentali certament ma huwiex stat li nholoq mill-llum ghall-ghada izda huwa stat li ilu johloq problemi lir-Rikorrent u li se mai ppreggora mal-moghdija taz-zmien. Dana jirrizulta b'mod car mic-

[6] Fol. 36 sa' 55 tal-process.
[7] Seduta tad-9 ta' Mejju 2013, fol. 56 sa' 61 tal-process.

certifikati esebiti mir-Rikorrent. In effetti bejn ic-certifikat datat 21 ta’ Dicembru 2000[8] u c-certifikati ta’ l-2011[9] jidher li hemm peggorament fl-istat mentali tieghu, tant li fic-certifikat mahrug minn Dr. Mark Xuereb fil-25 ta’ Awwissu 2011 gie iccertifikat li r-Rikorrent ibaghti minn *schizophrenia*. Dan il-peggorament fl-istat mentali tar-Rikorrent bla dubju ta’ xejn effettwa l-mod kif matul is-snin huwa ffaccja u tratta s-sitwazzjonijiet gornalieri tieghu, inkluzi dawk relatati man-negozju li kellu b’mod partikolari vis-a-vis id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Huwa veru li r-Rikorrent ma ressaq l-ebda certifikat mediku specifiku ghas-sena 2006 izda biss certifikati ghall-perijodi kemm qabel kif ukoll wara din is-sena, izda jibqa’ l-fatt li fis-sena 2000 già kien iccertifikat li *this gentleman has been suffering from depression* u fis-sena 2011 gie iccertifikat li r-Rikorrent qed ibaghti minn *schizophrenia* u li ghalhekk problema ta’ sahha mentali già kienet ezistenti fl-2000 u maz-zmien ippeggorat. Huwa veru wkoll li dawn ic-certifikati ma gewx ikkonfermati bil-gurament mit-Tobba li harguhom izda t-Tribunal ma huwiex ghal daqshekk biss prekluz milli jaccetta l-valur probatorju taghhom u jigbed l-inferenzi mehtiega minnhom partikolarment meta l-awtenticità ta’ dawn l-istess certifikati ma gietx kontestata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). In effetti l-unika referenza li jaghmel id-Direttur Generali ghac-certifikati hija fir-Risposta tieghu ghar-Rikors promotur fejn jghid illi *l-appellant qatt ma ressaq aktar provi hlief certifikat mediku pprezentat quddiem il-Bord ta’ l-Appell ... mahrug fil-21 ta’ Dicembru 2000 minn tabib tal-familja*.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk in-nuqqas tar-Rikorrent li jissottometti d-denunzja ghall-perijodu ta’ taxxa bejn l-1 ta’ Mejju 2006 u l-31 ta’ Lulju 2006 fiz-zmien stipulat – ossia sal-15 ta’ Settembru 2006 – ma huwiex rizultat ta’ negligenza jew inkurja da parte tieghu izda kawza ta’ l-istat mentali tieghu li bla dubju ta’ xejn kien u ghadu jikkostitwixxi impediment legittimu ghar-Rikorrent li jiehu

---

[8] Fol. 36 tal-process.
[9] Fol. 41 sa’ 44 u fol. 51 tal-process.

hsieb l-affarijiet tieghu bil-mod opportun, inkluz ghalhekk is-sottomissjoni f'waqta ta' denunzji tat-taxxa.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li *fit-tieni aggravju l-appellant sostna li kien f'pozizzjoni hazina finanzjarja. Liema pozizzjoni finanzjarja wasslitu sabiex ma ssottomettiex id-denunzji fil-hin. Illi skont l-artikolu 42(2) tal-Kap.406, nuqqas ta' fondi bizzejjed m'ghandhiex titqies bhala skuzanti ragonevoli ghan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' denunzja*. It-Tribunal rega' kkonsidra kemm ir-Rikors promotur kif ukoll ix-xhieda moghtija mir-Rikorrent u ghalkemm l-istess Rikorrent jilmenta mill-posizzjoni finanzjarja prekarja tieghu, kuntrarjament ghal dak affermat mid-Direttur Generali huwa fl-ebda hin ma jghid illi naqas milli jissottometti d-denunzja tat-taxxa entro z-zmien stipulat specifikatament u unikament minhabba nuqqas ta' fondi izda, jinsisti li dan gara minhabba l-istat mentali tieghu liema stat mentali in segwitu wassal ghal sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Fuq domanda tat-Tribunal sabiex jispjega ghalfejn id-denunzja tat-taxxa giet sottomessa tard ir-Rikorrent sahaq illi *r-raguni hija illi jiena kelli hafna tgerfix bhal ma qed nghidlek. Ma tistax tmexxi business meta kulhadd jaghmillek il-gambetti. Mhux il-karti tal-VAT insejt jien. ... Jien ghandi certifikat ta' dak iz-zmien minghand tabib illi skond hu ma kontx sitwazzjoni tajba, qieghed hawn, dawn ghandhom nahseb tal-VAT. ... Kont marid u bit-tgerfix li kien ikolli ghax jiena l-hanut suppost nifthu jiena nhobb inzomm is-sieghat naghtu kaz. Kelli Qortijiet ma' tal-VAT, tas-sanità u pulizija jigifieri once a week jien inhallas il-kera tal-hanut jiena nhallas id-dwalijiet u mhux naqa' one cent*.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li jirrizulta b'mod sodisfacenti li r-Rikorrent kellu skuzanti ragonevoli ghan-nuqqas li jissottometti d-denunzja ghall-perijodu ta' taxxa bejn l-1 ta' Mejju 2006 u l-31 ta' Lulju 2006 entro l-perijodu stipulat, ossia sal-15 ta' Settembru 2006, u konsegwentement ghalhekk fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 42 – illum 42(1)(a) – tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hemm lok li jigi ezonerat mill-hlas tal-penali amministrattiva imposta fuqu mill-Kummissarju tat-

Taxxa fuq il-Valur Mizjud ai termini ta’ l-Artikolu 38 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tar-*res judiciata* sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u konsegwentement jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u minflok jilqa’ t-talba tar-Rikorrent u jiddikjara li a tenur ta’ l-Artikolu 42, illum 42(1)(a), tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta r-Rikorrent ghandu jkun ezonerat mill-hlas tal-penali amministrattiva imposta fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghan-nuqqas li jissottometti d-denunzja ghall-perijodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Mejju 2006 sal-31 ta’ Lulju 2006 entro t-terminu stipulat.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Ai termini ta’ l-Artikolu 5 tad-Disa’ Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta t-Tribunal jordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrent u lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------